MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 41/2003

**Amanda Borg, illum miżżewġa Degiorgio**

***Versus***

**James Borg**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda tfittex għad-danni li ġarrbet meta korriet bi ħtija tal-konvenut.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-2 ta' Settembru 2000, waqt illi l-attriċi kienet riekba bħala passiġġier f'karrozza numru KAA 193 misjuqa minn Martin Degiorgio fi Triq Reġjonali, il-Gżira, il-karrozza li kienet fiha ħabtet ma' karrozza oħra, numru KBA 887, misjuqa mill-konvenut, u l-attriċi korriet serjament u llum tbati minn diżabilità li ma tfieqx minnha ta' disgħa fil-mija (9%). Billi l-attriċi qiegħda tgħid illi l-ħtija kienet tal-konvenut waħdu, iżda għalxejn sejħitlu biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, għalkemm l-assikuratur tiegħu għamel tajjeb għad-danni tal-vettura KAA 193, hija fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-ħtija kienet tal-konvenut waħdu;

2. tillikwida d-danni, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*; u

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tas-16 t'April 2002 u oħra ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni għall-għanijiet tal-Kap. 104, dawk ta' ittra bonarja tas-17 t'Awissu 2001, u ħamsin lira (Lm50) drittijiet għall-parir u laqgħat ma' l-assikuratur tal-konvenut.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni għandhom jiġu miċħuda għax l-attriċi ma tbati minn ebda debilità permanenti minħabba l-inċident; u

2. il-konvenut f'kull każ ma għandux ibati spejjeż għax huwa ammetta l-ħtija u l-assikuratur tiegħu ukoll għamel tajjeb għad-danni li ġarrab is-sid tal-vettura; il-kawża ma kinitx issir li ma kienx għall-insistenza ta' l-attriċi li tgħid li ġarrbet debilità permanenti.

Kif jidher mit-tieni eċċezzjoni, il-konvenut ma huwiex qiegħed jiċħad il-ħtija, u għalhekk din il-kawża hija biss dwar likwidazzjoni ta' danni.

B'dikriet mogħti fil-25 t'Awissu 2004[1], il-qorti ħatret espert mediku sabiex jirrelata dwar jekk l-attriċi tbatix minn debilità li ma tfieqx minnha bħala konsegwenza ta' l-inċident, u f'liema grad. L-espert irrelata fil-11 t'Ottubru 2004[2] u sab illi l-attriċi għandha debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%).

Meta korriet l-attriċi kellha wieħed u għoxrin (21) sena, u għalhekk *multiplier* ta' ħamsa u tletin (35) sena jkun wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Dak iż-żmien l-attriċi, li kienet xebba, kellha impjieg *full time* u ieħor *part time* fl-industrija tat-turiżmu. Mill-impjieg *full time* kellha dħul ta' madwar erbat elef lira (*c.* Lm4,000) fis-sena[3], u mill-impjieg *part time* kellha dħul ta' madwar mitt lira (*c.* Lm100) fix-xahar, barra *tips* ta' bejn erbgħin u ħamsin lira (Lm40-50) fix-xahar. Meta korriet għamlet xi xahrejn wieqfa mix-xogħol u, meta reġgħet bdiet taħdem, kompliet biss bl-impjieg *full time*. Illum għandha dħul ta' madwar ħamest elef u mitt lira (Lm5,100) fis-sena.

---

1 *Fol.* 97.
2 *Foll.* 106 *et seqq.*
3 *Fol.* 22.

Wara li qieset it-tul tal-*multiplier*, illi x'aktarx illi l-pagi jogħlew fil-ġejjieni, u illi l-attriċi llum hija miżżewġa u għalhekk x'aktarx illi ma kinitx sejra tkompli żżomm l-impjieg *part time* għat-tul kollu tas-snin tal-*multiplier*, il-qorti hija tal-fehma illi jkun xieraq illi l-*lucrum cessans* jinħadem fuq dħul medju ta' sebat elef lira (Lm7,000) fis-sena.

Id-dħul għal ħamsa u tletin (35) sena jiġi mitejn u ħamsa u erbgħin elf lira (Lm245,000). Billi l-attriċi għandha debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%), it-telf tagħha jiġi disat elef u tmien mitt lira (Lm9,800). Wara li qieset illi l-attriċi sejra tieħu issa l-qligħ li kieku kienet iddaħħal fuq ħamsa u tletin (35) sena, u qieset ukoll illi l-inċident ilu li seħħ ftit aktar minn erba' snin u nofs, il-qorti hija tal-fehma illi jkun xieraq illi jsir tnaqqis ta' tnax fil-mija (12%), u għalhekk id-danni għal *lucrum cessans* fil-ġejjieni jiġu tmint elef, sitt mija u erbgħa u għoxrin lira (Lm8,624).

Ma' dawn trid iżżid mija u sebgħa u għoxrin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm127.20) telf minħabba *unpaid leave* mill-impjieg *full time* u telf ta' tliet mitt lira (Lm300) oħra bħala qligħ mitluf ta' xahrejn mill-impjieg *part time*. Għalkemm l-attriċi ma ħadmitx aktar *part time* wara l-inċident, il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex tillikwida t-telf ta' qligħ għal żmien itwal minn xahrejn billi qieset ukoll id-dħul mill-impjieg *part time* għall-għanijiet tal-likwidazzjoni ta' telf ta' dħul fil-ġejjieni.

*Lucrum cessans* b'kollox għalhekk jiġi disat elef u wieħed u ħamsin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm9,051.20).

Hemm ukoll *damnum emergens* ta' mitejn u tmintax-il lira u tliet ċenteżmi (Lm218.03) minħabba spejjeż ta' tobba u mediċini. Dawn ma ġewx kontestati.

Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni b'kollox — *lucrum cessans u damnum emergens* — fis-somma ta' disat elf, mitejn u disgħa u sittin lira u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm9,269.23).

Dwar l-ispejjeż tal-kawża, il-qorti qieset illi tassew illi l-konvenut, fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, ammetta l-ħtija, iżda ma hemmx prova illi din l-ammissjoni saret uffiċjalment, qabel il-kawża, fi tweġiba għall-ittra uffiċjali ta' l-attriċi. F'kull każ, il-kawża xorta kellha ssir, ladarba l-konvenut baqa' jgħid, fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, illi l-attriċi ma ġarrbet ebda debilità permanenti. Min-naħa l-oħra, it-talba

ta’ l-attriċi — sitta u għoxrin elf, disa’ mija u ħamsa u erbgħin lira u tlieta u għoxrin ċenteżmu ((Lm26,945.23), kif imfisser fin-nota tagħha tat-2 ta’ Lulju 2003[4] — imqabbla mad-danni likwidati hija għolja wisq, u għalhekk huwa xieraq illi l-attriċi tbati sehem mill-ispejjeż.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi, wara li tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attriċi fuq ammissjoni tal-konvenut u tgħid illi l-konvenut waħdu kien jaħti għall-inċident, tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta’ disat elef, mitejn u disgħa u sittin lira u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm9,269.23), u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.

L-ispejjeż jinqasmu hekk: il-konvenut iħallas disgħin fil-mija (90%) u l-attriċi tħallas għaxra fil-mija (10%).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] *Fol*. 16.